
TEATRU MALTA
Direzzjoni u adattament ħieles ta'
Immanuel Mifsud
Disinn tal-produzzjoni ta'
Austin Camilleri
L-GĦARUSA
ta' Ġużè Diacono
Marceline Galea
Jacob Piccinino
Charlotte Formosa
Moira Muscat
21-23, 25-31 ta' Ottubru 2022
fl-Armerija, il-Birgu
biljetti minn teatrumalta.org.mt
Heritage Malta
FONDAZZJONI CELEBRAZZJONIJIET NAZZJONALI
Jien > Int > Aħna Maltin
ARTS COUNCIL MALTA


TEATRU MALTA
Direzzjoni u adattament ħieles ta' Immanuel Mifsud
Disinn tal-produzzjoni ta' Austin Camilleri
L-GHARUSA
ta' Ġużè Diacono
Marceline Galea
Jacob Piccinino
Charlotte Formosa
Moira Muscat
21-23, 25-31 ta' Ottubru 2022
fl-Armerija, il-Birgu
Heritage Malta
Arts Council Malta


TEATRU
MALTA
ADATTAMENT ĦIELES TA'
CLARE AZZOPARDI U THE NEW VICTORIANS
DIREZZJONI U MUŻIKA TA'
THE NEW VICTORIANS
IL-FIDWA
TAL-BDIEWA
TA' NINU CREMONA
18 - 20, 25 - 27 NOVEMBRU 2022
IR-RIDOTT TAX-XIMENES IS-SALINA
BILJETTI MINN TEATRUMALTA.ORG.MT
ARTS COUNCIL MALTA
SHERRÍES
ESTATES

## *Artisti*

| | |
|---|---|
| Sor Wistina | **Marceline Galea** |
| Tuteppi | **Jacob Piccinino** |
| Sor Tarċisja | **Moira Muscat** |
| Marija | **Charlotte Formosa** |

## *Tim Kreattiv*

| | |
|---|---|
| Direttur u Adattament Ħieles | **Immanuel Mifsud** |
| Disinjatur tal-Produzzjoni | **Austin Camilleri** |

## *Tim tal-Produzzjoni*

| | |
|---|---|
| ASM / Maniġer tas-Set | **Robyn Vella** |
| Konsulent Tekniku | **Andrew Zammit** |
| Irtokk | **Stephanie Debono** |
| Ħjata tal-Kostumi | **Lilian Fenech, Carmen Mannino** |

## *Tim ta' Teatru Malta*

| | |
|---|---|
| Direttur Artistiku | **Sean Buhagiar** |
| Kap tal-Produzzjonijiet | **Giuliana Barbaro-Sant** |
| Maniġer Amministrattiv | **Mireille Estelle Camilleri** |
| Eżekuttiv tal-Marketing u Brand | **Alessia Caruana** |
| Maniġer tal-Produzzjonijiet | **Rowena Zammit** |
| Maniġer tal-Kontenut Diġitali | **Kris Polidano** |

**Ringrazzjament Speċjali**
Il-familja ta' Ġużè Diacono, Liam Gauci, Noel Zammit, Albert Marshall, Annabelle Stivala, Dylan Cachia

Scan for this programme in English!

***Sean Buhagiar***
***Direttur Artistiku, Teatru Malta***

Kull min hu dilettant tat-tombla se jifhem kif fl-elfejn u tnejn u għoxrin, ma stajniex ma nitkellmux fuq is-sorijiet. Però mhux għalhekk se naraw dan ix-xogħol; se narawh primarjament għax kitbu Ġużè Diacono.

Ġużè Diacono kien ħafna affarijiet minbarra kittieb tal-palk. Lil Diacono narah xempju ta' kemm it-Teatru u n-namur lejn din l-arti mistika tista' tagħmlek bniedem aħjar. Kien prokuratur legali, kien editur tat-*Times* u s-*Sunday Times*, korrispondent ma' Reuters, ġurnalist sportiv ma' *Il-Berqa* u kien ukoll editur tal-gazzetta tal-knisja għal żmien twil. Meta wieħed iħares lejn ix-xogħlijiet tiegħu, nistgħu ngħidu li Diacono kien wieħed mill-aktar kittieba prolifiċi tas-seklu għoxrin f'Malta. Kiteb diversi drammi, rumanzi, traduzzjonijiet u kritika letterarja, akkademika u drammatika.

Huwa ħalliena f'Novembru tal-2002, għoxrin sena ilu. Kien ikun dnub li kieku l-Kumpanija Nazzjonali tat-Teatru ta' Malta ma tiċċelebrax ix-xogħol ta' dan ir-raġel importanti għal Malta. Għalhekk ma għamilniex dnub, iżda tellajna *L-Għarusa*, li mad-dnub forsi għandha x'taqsam ukoll.

*L-Għarusa* dramm mistiku; dramm li qanqal l-interess ta' Immanuel Mifsud minħabba t-taħlita taħraq ta' fanatiżmu reliġjuż, erotiżmu moħbi, u saħħa mentali mħawda. Kien dnub ieħor li Immanuel kien ilu żmien twil mifrud mill-palk meta wieħed jara kemm kien produttiv u ispirat, sew qabel ma twieldet Teatru Malta.

Dan id-dramm jista' jittella' b'ħafna modi differenti iżda emminna bi sħiħ li l-adattament ħieles u d-direzzjoni ta' Immanuel Mifsud flimkien mad-disinn viżiv, ix-xenografija u l-istallazzjoni artistika ta' Austin Camilleri stajna nagħmlu ġieħ, kif forsi rari sar qabel, lil dan id-dramm, u lil Diacono. Sacred-Austin issieħeb ħafna massagru tul il-karriera tiegħu, u l-fatt li dawn iż-żewġ artisti importanti qed jaħdmu għall-ewwel darba flimkien, fuq dan ix-xogħol ta' Teatru Malta huwa mument importanti wkoll.

L-erotiċiżmu, is-sesswalità, ir-reliġjon u l-ħajja reliġjuża forsi għadhom ma tantx jiġu trattati b'mod komdu artistikament f'pajjiżna minkejja l-ħafna fatti u artikli kemm lokali kif ukoll internazzjonli (anke reċenti ħafna) dwar dawn it-temi; għalhekk ħassejna li l-Kumpanija tat-Teatru Nazzjonali tista' tagħti sehemha. Dawn it-temi fl-arti kienu dejjem importanti, minn Caravaggio sa Pasolini sa Virginia Woolf u ħafna oħrajn. Virginia Woolf, pereżempju, tiddeskrivi l-ktieb tagħha *The Waves* (1931) bħala "sforz lejn xi ħaġa mistika, spiritwali; il-ħaġa li teżisti meta ma nkunux hemm" u din deskrizzjoni li tfakkarni ħafna fix-xogħol ta' Diacono wkoll. Qisu meta titkellem dwar l-ispiritwalità' u l-erotiżmu, tmiss mal-mistiku,hux?

Teorija affaxxinanti u kontroversjali tar-reliġjon, ir-ritwali u l-erotiżmu hija dik ta' Georges Bataille. F'kapitlu VII tal-ktieb *L'Erotisme* (1957) fejn iqabbel is-sagrifiċċju reliġjuż u l-erotiżmu. Hemm sagrifiċċju akbar għall-mara milli tagħti ħajjitha kollha lill-ordni reliġjuża patrijarkali?

Din hija waħda biss mill-ħafna mistoqsijiet li wieħed jista' jkollu wara li jara d-dramm ta' Diacono. Inħalli lill-oħrajn f'idejn l-artisti. Nirringrazzja lil Heritage Malta li ħadmu magħna sabiex inkunu nistgħu nwasslulkom dan ix-xogħol speċifiku għas-sit, ġewwa din l-Armerija antika u għalissa mitluqa, u għalhekk sa ċertu punt mistika wkoll.

Persważ li din it-taħlita taħraq ta' artisti, lok, kitba mistika, u kast b'saħħtu se jwelldu teatru memorabbli u li ma jintesiex malajr. Qisu tiegħi!

***Immanuel Mifsud***
***Direttur, L-Għarusa***

*L-Għarusa* mhuwiex l-aktar xogħol magħruf ta' Diacono u mhuwiex xi xogħol li ttella' wisq. Forsi għax huwa dramm f'att uniku, u t-tradizzjoni tippreferi li dramm jieħu serata sħiħa. Raġuni oħra tista' tkun li dan huwa dramm poetiku, "mistiku" biex nuża kelmet Diacono nnifsu; xogħol li ma jsegwix l-andament solitu mitlub mit-teatru konvenzjonali. Attwalment din hija r-raġuni primarja għala tħajjart nidderieġi *L-Għarusa*, għaliex jagħti lok għal ħafna esperimentazzjoni u huwa miftuħ beraħ għal interpretazzjonijiet differenti.

L-addattament li se taraw illejla għandu l-ħsieb li jwessa' r-referenza li Diacono jagħmel għal *L-Għanja tal-Għanjiet*, il-ktieb fir-Rabta l-Qadima li donnu jistona meta mqiegħed mal-kumplament tal-kotba mqaddsa. L-erotiżmu ta' dan il-ktieb gie interpretat b'modi differenti matul is-sekli, iżda żgur ħadd ma jista' jiċħad li hu l-element ċentrali tiegħu. Dan id-djalogu bejn żewġ maħbubin huwa kkaratterizzat mix-xewqa fiżika, mill-gost bid-dehra sabiħa ta' ġisem xulxin, u fl-aħħar mill-aħħar mill-ħeġġa għall-komunjoni. F'dan is-sens, mhuwiex daqstant importanti jekk naqrawx dan il-ktieb f'sens letterali jew metaforiku, għalkemm l-istorja ta' Sor Wistina awtomatikament ixxaqlibna lejn naħa u inqas lejn oħra.

Il-mistiku, speċjalment meta jkun marbut mal-axxetiku, joħloq polemika anki fil-kamp akkademiku. Il-kitbiet poetiċi u r-reġistrazzjonijiet imqanqlin ħafna, ngħidu aħna, ta' Ildegarda von Bingen, *Mechtild* ta' Magdeburg, *Hadjewich* ta' Brabant u Tereża t'Avila, huma suġġett ta' kontroversji sħaħ bejn studjużi li jinterpretaw l-erotiku bħala ripressjoni sesswali aktarx ikkawżata mill-ħajja monastika, u oħrajn li jargumentaw li din id-direzzjoni fil-ħsieb hija skorretta għax ma tikkunsidrax l-aspetti kulturali taż-żmien meta saru dawn l-istqarrijiet poetiċi.

Il-punt tat-tluq tal-addattament tagħna ta' *L-Għarusa* huwa wħud mill-istqarrijiet ta' dawn in-nisa mistiċi u minn dawn l-istudji. Finalment, iżda, id-direzzjoni bażika li tajna lix-xogħol ta' Diacono tagħti l-aġenzija – sesswali jew mhix – lill-karattri mingħajr eċċezzjoni. Sew jekk bis-saħħa ta' xi interċessjoni divina, jew kundizzjoni mentali li tiżviluppa wara trawma (bħal kil-każ ta' Sor Wistina) jew diżabilità (bħal fil-każ ta' Tuteppi), jew inkella minħabba epifanija momentarja, persuna tista' tasal għall-milja ta' ħajjitha. Diacono, għall-inqas kif rajnieh aħna, jissuġġerixxi li l-imħabba, tkun ta' liema forma tkun, hija t-triq li twassal għal din il-milja.

Nixxi ħajr lid-diriġenza ta' Teatru Malta li emmnet fil-proġett u li bis-saħħa tagħha rritornajt lejn il-palk wara ftit tas-snin mhux ħażin. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li kienu involuti fil-produzzjoni. L-akbar ħajr imur lejn l-erba' atturi li ħdimt *L-Għarusa* magħhom. Din kienet esperjenza ta' djalogu artistiku li baqa' għaddej tul il-proċess kreattiv li wassal għal din is-serata.





***Ġużè Diacono*** (24 ta' Novembru 1912 — 17 ta' Novembru 2002) kien wieħed mill-aktar kittieba prolifiċi Maltin fis-seklu għoxrin.Hu twieled il-Belt u mar l-Iskola ta' San Pawl u fl-1938 iggradwa bħala prokuratur legali mill-Università Rjali ta' Malta. Minn dik l-istess sena sal-1966, Diacono ħadem mal-Allied Malta Newspapers Ltd, fejn kellu diversi karigi editorjali f'*The Times of Malta* u *Il-Berqa*. Huwa waqqaf il-gazzetta ta' kull ġimgħa *Il-Ħajja* u għal xi żmien kien l-editur tagħha. Barra minn hekk, Diacono kien jagħti xi lezzjonijiet fil-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta.

Il-kontributi letterarji ta' Diacono jinkludu drammi, novelli, traduzzjonijiet u kritika letterarja, b'xogħlijiet bħal *Wara Ibsen* (1972) u *Il-Fidwa tal-Bdiewa ta' Ninu Cremona: Studju Kritiku*. Id-drammi tiegħu jinkludu *Salib Ħaddiem*, *L-Għarusa*, *Ir-Raġel li Kienet Tħobb* (ippubblikati flimkien fl-1960), *L-Ewwel Jien!* (1963), *Erwieħ Marbuta* (1965), *Uġigħ* (1966), *Għaliex?* (1966), u numru ta' drammi oħra f'att wieħed.

Aktarx li l-aktar xogħol famuż tiegħu huwa kien is-serje televiżiva '*Il-Madonna taċ-Ċoqqa*' (1979), li kien prodott minn Albert Marshall għal TVM fl-1980 u adattat ukoll għall-palk minn Joe Quattromani lejn l-aħħar tas-snin tmenin. John Suda reġa' adatta dan ix-xogħol fl-2001 u rebaħ il-Premju tad-Drama TV tal-Awtorità tax-Xandir fl-2002.

Fil-qasam tal-lingwa Diacono kiteb *Għeltijiet u Barbarizmi fil-Malti* (1977) u ġabar id-Dizzjunarju Ingliż-Malti. Vol. 1-5 (1991-1993), xogħol li bih adatta u rreveda d-dizzjunarju ta' Dun Karm Psaila.

Fl-1993 ġabar uħud min-novelli tiegħu f'volum wieħed bit-titlu *Dik is-Siġra Mħattba*.

***Immanuel Mifsud, Direttur***



Wara s-sala tal-kappillan u l-iskola, kien l-Ateatru f'Tignè fejn Immanuel Mifsud nieda l-karriera teatrali tiegħu meta fl-1986 idderieġa 'double bill' tiegħu stess. Fl-Università dderieġa *Andorra* ta' Max Frisch u mbagħad, fil-kappella ta' Tignè, *Yerma* ta' Federico Garcia Lorca, u *A Kind of Alaska* u *Landscape* (fi dlam ċappa) ta' Harold Pinter. Eventwalment waqqaf It-Teatru tal-Għomja li ppreżentaw xogħlijiet kollettivi għall-festival Mediterranju ta' Teatru Kollettiv (1990 u 1992). Bejn l-1995 u l-2000 għallem fl-iskola tad-Drama. Fl-istess snin waqqaf u ħadem ma' Teatru Marta Kwitt li kien l-ewwel grupp teatrali Malti li ħa sehem fil-fringe ta' Edinburgh (1999). Ma' dan il-grupp, residenti f'dak li kien magħruf bħala MITP (illum Valletta Campus), tella' *Mistoqsijiet lill-Qamar*, *Ilma* (Malta, Edinburgh) u *Bakki* (Malta u Sarajevo). Huwa dderieġa wkoll *Oleanna* ta' David Mamet għall-International Society for Contemporary Literature and Theatre fil-Ġermanja. Mifsud qaleb għall-Malti u dderieġa *Il-Gawwija* ta' Anton Chekhov u *Ippermettili Nitlaq* ta' Alfred Buttigieg.

***Austin Camilleri, Disinjatur tal-Produzzjoni***



Dejjem lest biex jesperimenta, Austin Camilleri jaħdem b'mod simultanju u mingħajr ġerarkija fil-pittura, istallazzjoni, l-iskultura, il-vidjow, l-użu tal-arkitettura u t-tpinġija biex jippreżenta l-ideat taż-żmien u t-traxxendenza. Billi jieħu mill-istorja tal-arti tal-Punent, il-kultura popolari u xbihat tar-rappreżentazzjoni popolari tal-poter, hu jesplora t-tensjoni bejn il-materjali u d-diġitali / il-personali u l-pubbliku, billi juża s-saffi bl-użu ta' proċessi u tekniki multidixxiplinarji.

Ix-xogħlijiet tiegħi kienu esebiti b'mod estensiv f'xows solo u fi gruppi f'mużewijiet, galleriji privati u spazji pubbliċi fl-Ewropa, l-Amerka u l-Asja.

***Marceline Galea, Sor Wistina***



Marceline Galea bdiet it-taħriġ teatrali tagħha mal-Corinthia "Animation Team" fejn għamlet ukoll xi snin responsabbli mit-tmexxija tiegħu. Ħadet sehem f'diversi produzzjonijiet televiżivi bħala preżentatriċi fosthom *Ċaqlaq u Puntini* li rebħu numru ta' premijiet fil-kategorija tal-programmi għaż-żgħażagħ, kif ukoll bħala attriċi f'*Gizelle, KC, Tereża* u *Division 7*. Għal seba' snin kienet ukoll parti mit-team kreattiv ta' Xarabank. Proġetti teatrali riċenti jinkludu *Iġsma Iħirsa*, *Il-Kennies tal-Ġenna*, *Il-Kappilan ta' Malta*, *Faith, Hope u Charity*, *NEETS*, *It-Tfajjel ta' Fuq il-Bandla*, *Inverżjoni*, *Ħabbilni Ħa Nirbaħ*, *Fl-Isem tal-Missier tal-Iben u tal-Ispettur Bonnici*, *Hekuba*, *Sitt Xhur Biss*, *Missierna li x'Aktarx Inti fis-Smewwiet*, *Il-Ħanina Madalena*, *Elektra*, *Bejn Linja u Oħra*, *The Goat (or Who Killed Sylvia)*, *Id-Dawl fit-Tieqa tas-Sitt Sular* / *Il-Warda Bla Xewk Fuq iċ-Ċinta tal-Ġnien*, *Notte X-voto*, u *...Imbagħad Margherita*. Ħadmet ukoll parti fil-films *Genesis* (2001), *Ħabbilni Ħa Nirbaħ* (2018) u fil-vidjo tal-kanzunetta 'Breathlessly' għall-Eurovision (2017). Idderiġiet ukoll żewġ produzzjonijiet għall-Cospicua Short Play Festival fejn rebħet l-unur tal-aqwa direzzjoni fiż-żewġ okkażjonijiet (2020, 2022). Rebħet ukoll l-unur tal-aħjar attriċi tlett darbiet fl-istess festival (2018, 2019,2022). Marceline hija gradwata b'baċellerat fl-immaniġjar tar-Riżorsi Umani u b'Masters fil-Psikoloġija.

Aqra iktar bijografiji fuq il-Purple Pages ta' Teatru Malta
**teatrumalta.org.mt/artists/**

TEATRU
MALTA

teatrumalta.org.mt